# QORTI TAL-MAGISTRATI MALTA

**MAGISTRAT**

**DR. MICHAEL MALLIA, LL.D.**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn, 23 ta' April, 2001**

**Numru**

**Avviz numru: 152/01mm**

**Jetglass Limited**

**vs**

**Frank Schembri**

**Il-Qorti,**

Wara li rat it-talba tas-socjeta' attrici ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas tas-somma ta' hames mija u tlieta u tletin lira Maltija u sitta u tletin centezmu (Lm533.36) bilanc parti minn somma akbar, rapprezentanti xoghol

ta' tiswija u manutenzjoni fuq id-dghajsa tal-konvenut tad-ditta Maxum maghmul mis-socjeta' attrici.

Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali sad-data tal-effettiv pagament kontra konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Wara li rat in-Nota tal-Mistoqsijiet tas-socjeta' attrici sabiex il-konvenut iwiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi pruvat (Art. 698(2) u 702 Proc. Civili);

Billi ghalkemm notifikat regolarment il-konvenut naqas u ma deherx, la fit-2 ta' April 2001, meta gew ipprezentati l-kapitoli u l-anqas illum, u n-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;

Tiddeciedi billi tilqa' t-talba attrici bl-ispejjez kontra l-konvenut.

Anthony Zammit

Dep Reg